## 15 ta' Marzu, 1958.

## Imħallef:—

## Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija

*versus*

Dr. Riccardo Farrugia, LL.D.

**Bini Perikoluż — Prova — Perizja — Intima tal-Pulizija.**

*F'akkuża dwar li wieħed naqas milli jneħħi l-perikolu minn bini wara li ġ'e avżat mill-Pulizija biex ineħħi dak il-perikolu, jeħtieġ illi l-perikolu allegat jiġi pruvat soddisfaċentement.*

*Il-Qorti hija, b'liġi, tenuta li teżiġi l-aħjar prova; u l-aħjar prova f'd'n il-materja hija x-xhieda tal-perit tal-Gvern, b'mod illi, jekk minflok dan il-perit jinġieb bħala xhud talperikolu l-"clerk of works" tad-dipartiment, il-prova ma tistgħax tingħad li saret soddisfaċentement.*

*Jekk, wara li jixhed l-perit tal-Gvern, il-Qorti tħoss xi dubju, tista' tikkostitwixxi perizja; fil-waqt illi, jekk l-imputat irid jikkontesta x-xhieda tal-perit, jista' jitlob perizja, u, jekk il-Qorti takkordalu din it-talba, dan il-provvediment ikun a riskju tiegħu fil-każ li l-perizja tikkonferma x-xhieda talper't, u jista' jiġi ordnat iħallas l-ispejjeż tal-perizja.*

*Hija meħtieġa wkoll il-prova tal-intima tal-Pulizija lill-imputat; u din il-prova titqies li saret, jekk, għalkemm il-Pulizija ma tkunx ġ'et ġiebet kopja ta' dik l-intima, l-imputat ikun ammettiha, anzi jkun eżibixxa l-kopja huwa stess. Imma, sabiex jiġu evitati disgwidi u ħela ta' żmien, maċ-ċitazzjoni għandha tiġi eżibita kopja tal-intima preċedenti, u jiġi prodott membru tal-Pulizija biex jikkonferma li dik l-intima ġiet spedita lill-imputat.*

*Jekk tonqos il-prova bażilari u legali tal-perikolu, din l-imputazzjoni ma tkunx sostenibbli.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra Dr. Riccardo Farrugia (u oħrajn) quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta talli fil-Belt Valletta, bħala wieħed mis-sidien tal-fond nru. 91/14 Merchants Street, f'dawn l-aħħar tliet xhur, naqas li jsewwi l-imsemmi fond, li huwa fi stat ta' tiġrif u ta' perikolu għan-nies u għall-proprjetà ta' ħaddieħor, u dan għalkemm kellu twissija bil-miktub mill-Pulizija biex ineħħi dan it-tiġrif u perikolu;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-7 ta' Diċembru 1957, li biha sabet lil Dr. Farrugia u ż-żewġ imputati l-oħra ħatjin, u kkundannat lil kull wieħed minnhom għall-ammonizzjoni u riprensjoni, bi żmien tliet ġimgħat biex jottemperaw ruħhom mal-liġi, taħt penali ta' 2s.6d. kull jum;

Rat ir-rikors tal-imputat Dr. Farrugia, li bih appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata, u li hu jiġi assolt;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Apparti motivi oħra ta' aggravju, hu ġust dak li l-perikolu, li hu bażi tal-imputazzjoni, ma jirriżultax soddisfaċentement;

Mix-xhieda tal-"Clerk of Works" Caruana jirriżulta li s-saqaf "in parola" ġie eżaminat mill-perit governattiv Zammit Bonnet. Intant, dan il-perit ma ġiex miġjub bħala xhud. Il-Qorti hi, b'liġi, tenuta li teżiġi l-aħjar prova, u l-aħjar prova hi, bla dubju, ix-xhieda tal-perit u mhux tal-"Clerk of Works". Del resto, dan appena hemm bżonn jingħad; għaliex hi prattika nveterata li f'dawn ix-xorta ta' kawżi jixhed il-perit tal-Gvern dwar il-perikolu. Jekk mbagħad il-Qorti tħoss xi dubju, tista' tikkostitwixxi perizja. Barra minn dan, jekk l-imputat irid jikkontesta x-xhieda tal-perit governattiv, jista' jitlob perizja, u, jekk il-Qorti takkordalu t-talba dan il-provvediment ikun għar-riskju

tiegħu fil-każ li l-perizja tikkonferma x-xhieda tal-perit tal-Gvern , u jista' jiġi ordnat, skond il-liġi, li hu jbati l-ispejjeż. Dan l-aħħar, minbarra li f'dawn il-kawżi, kif ġie rilevat fis-sentenza in re "Pulizija vs. Dr. Caruana" mogħtija l-lum, ma hix qegħedha tinġieb il-kopja tal-intima preċedenti meħtieġa skond il-liġi, qiegħed jinġieb bħala perit, mhux dak tal-Gvern, li hu indipendenti, imma l-perit tas-sid; u peress li dan is-sid jista' jkun in konflitt mal-inkwilin, dan il-konflitt jista' jixħet suspett ta' parzjalità fuq ix-xhieda tal-perit tiegħu, anki jekk fil-fatt dan il-perit ikun, kif aktarx li jkun, għamel dmiru b'rettitudini. Issa, f'din il-kawża ġiet introdotta irregolarità oħra, it-tielet waħda, dik ċjoè li jiġi prodott, mhux il-perit tal-Gvern, imma uffiċjal subaltern, li ma hux "l-aħjar" prova skond il-liġi;

F'dan il-każ, ma ġietx eżibita mill-Pulizija kopja tal-intima, imma l-imputat ammettiha u eżibiha hu stess;

Iżda din il-Qorti terġa tirrileva, sabiex jiġu evitati dawn id-diżgwidi f'dawn il-kawżi u ħela ta' żmien, illi maċ-ċitazzjoni għandha tiġi eżibita kopja tal-intima preċedenti, u li għandu jiġi prodott membru tal-Pulizija biex jikkonferma li ġiet spedita l-intima lill-imputat, u l-prova tal-perikolu għandha ssir per mezz tax-xhieda tal-perit tal-Gvern u mhux tal-perit tal-parti nteressata, bħal ma jista' jkun is-sid, jew ta' xi impjegat subaltern;

Għalhekk, f'dan il-każ, għas-sens ta' dak li ntqal fuq, tonqos il-prova legali u bażilari tal-perikolu;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara l-imputat mhux ħati, u tordna li jiġi liberat.

---